# GWIDA GĦALL-KANDIDATI

Qabel tapplika, għandek tiċċekkja bir-reqqa li tissodisfa l-kriterji ta' eleġibbiltà kollha billi taqra s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess u din il-gwida u tieħu nota tar-rekwiżiti stabbiliti minnhom. Għandek timla l-formola tal-applikazzjoni online u tinkludi d-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa, preferibbilment f'format PDF.

## 1. Il-ħolqien ta' kont u l-mili tal-formoli tal-applikazzjoni

**Applika online** billi tuża l-link fl-avviż u, bir-reqqa, imla t-taqsimiet kollha. **Għandek toħloq kont wieħed biss**, u dan tista' toħolqu billi tikklikkja fuq it-tab "Applika online".

Imbagħad ikklikkja fuq "Li jmiss".

Agħżel, jew tella', is-CV tiegħek, u imla d-dikjarazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, ikklikkja fuq "Li jmiss" u imla t-taqsimiet obbligatorji kollha tal-formola tal-applikazzjoni, li huma mmarkati b'asterisk.

**Aċċerta ruħek li d-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa** huma mehmuża. Id-dokumenti ġustifikattivi jistgħu jkunu fi kwalunkwe wieħed mill-formati li ġejjin: DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PDF, PNG jew RTF. Għalkemm naċċettaw dawn id-diversi tipi ta' fajls, nirrakkomandaw ferm li tissottometti d-dokumenti f'format PDF għal raġunijiet ta' konsistenza u affidabbiltà. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tiżgura li d-dokumenti jkunu ċari u jistgħu jinqraw. Tista' ttella' fajls **b'daqs massimu ta' 5MB** fil-pjattaforma Apply4EP.

**Ivvalida l-applikazzjoni tiegħek** billi ssegwi l-istruzzjonijiet f'Apply4EP. Aċċerta ruħek li l-applikazzjoni tiegħek tkun mimlija b'mod korrett u tkun akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi rilevanti kollha qabel ma tissottomettiha. Ladarba l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet ivvalidata, ma tistax tbiddilha jew iżżid dokumenti magħha.

**Iċċekkja l-kont tal-Apply4EP tiegħek regolarment**. Aċċerta ruħek li d-dettalji ta' kuntatt reġistrati tiegħek, inklużi n-numru tat-telefon u l-indirizz tal-email tiegħek, ikunu aġġornati. Is-servizzi ta' reklutaġġ jistgħu jippruvaw jikkuntattjawk bit-telefon jew bl-email. Tista' taġġorna d-dettalji ta' kuntatt tiegħek billi tilloggja fil-kont tal-kandidat tiegħek.

### 1.1 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibbiltà ġenerali

F'dan l-istadju l-ebda dokument ma huwa meħtieġ biex tipprova li:

- inti ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- tgawdi mid-drittijiet ċivili kollha;
- issodisfajt kull obbligu impost fuqek mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari;
- toffri l-garanziji ta' moralità mitluba għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet previsti.

Billi timmarka din il-kaxxa, inti tiddikjara solennement li tissodisfa l-kriterji u li l-informazzjoni mogħtija hija veritiera u kompluta. F'każ li tkun irreklutat, tintalab tipprovdi dokumenti li jippruvaw l-eleġibbiltà tiegħek.

## 1.2 Dokumenti ġustifikattivi oħra

### 1.2.1 Diplomi

Għad-**diplomi**, għandek iddaħħal id-dettalji tad-diploma/i tal-edukazzjoni sekondarja, id-diploma/i postsekondarja/i u/jew id-diploma/i universitarja/i tiegħek. Għandek ittella' kopja ta' kull diploma f'dokument wieħed, preferibbilment f'format PDF. Jekk ikollok diploma minn pajjiż mhux tal-UE, għandek tipprovdi dikjarazzjoni ta' ekwivalenza maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Jekk tissottometti diplomi relatati ma' korsijiet ta' taħriġ tekniku jew professjonali, taħriġ ulterjuri jew ta' speċjalizzazzjoni, għandek tindika jekk il-kors kienx full time jew part time jew kienx jinkludi klassijiet ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti studjati u t-tul uffiċjali tal-korsijiet. Jekk jogħġbok tella' din l-informazzjoni f'dokument wieħed, preferibbilment f'format PDF.

### 1.2.2 Esperjenza professjonali

L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun **inkisbet wara l-kisba tad-diploma jew tal-kwalifika meħtieġa**. Din l-esperjenza trid tiġi ppruvata permezz ta' dokumenti ġustifikattivi. Id-dokumenti ġustifikattivi jridu jagħtu prova **tat-tul u l-livell** tal-esperjenza professjonali, u **x-xogħol li sar irid jiġi deskritt b'mod kemm jista' jkun dettaljat**. Għalkemm huwa impossibbli li tissottometti diversi dokumenti ġustifikattivi mal-applikazzjoni tiegħek, jekk għandek aktar minn dokument wieħed għall-istess perjodu ta' esperjenza professjonali, għandek ittellagħhom kollha bħala fajl wieħed.

Il-perjodi kollha tal-esperjenza professjonali msemmija jridu jkunu ssostanzjati b'dokumenti ġustifikattivi, pereżempju:

- dikjarazzjonijiet minn impjegaturi preċedenti u mill-impjegatur attwali tiegħek li jiċċertifikaw li għandek l-esperjenza professjonali meħtieġa biex tkun eliġibbli għall-proċedura;
- jekk, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ma tistax tehmeż tali dikjarazzjonijiet, minflok għandek tehmeż fotokopji tal-kuntratt tal-impjieg jew ittra ta' reklutaġġ u kemm l-ewwel karta tas-salarju kif ukoll dik l-aktar reċenti;
- meta x-xogħol ma twettaqx għal impjegatur (pereżempju bħala persuna li taħdem għal rasha, bħala membru tal-professjonijiet liberi, eċċ.), jiġu aċċettati bħala prova fatturi li jagħtu dettalji dwar is-servizzi pprovduti, jew kwalunkwe dokument ġustifikattiv uffiċjali rilevanti ieħor.

L-esperjenza professjonali trid tkun rilevanti għall-kompiti meħtieġa, trid tikkostitwixxi xogħol ġenwin u trid tkun rimunerata. Madankollu, każijiet partikolari ta' esperjenza professjonali jitqiesu kif ġej:

- Esperjenza professjonali bħala voluntier: jekk tkun irregolata b'kuntratt jew bi ftehim formali ekwivalenti u jekk iddum mill-anqas ħames xhur full time. Il-kreditu totali għall-esperjenza bħala voluntier huwa limitat għal sena.
- Traineeships imħallsa jew mhux imħallsa: jekk ma jiffurmawx parti minn kors ta' studju u jekk ikunu damu mill-anqas ħames xhur full time. Il-kreditu totali għat-traineeships huwa limitat għal sena. Huwa biss it-tul minimu ta' traineeship li trid tiġi kkompletata biex jinkiseb aċċess għal professjoni li jiġi ttrattat bħala esperjenza professjonali rilevanti, u biss jekk il-persuna kkonċernata tkun fil-fatt kisbet d-dritt li teżerċita l-professjoni inkwistjoni.
- Servizz militari jew ċivili obbligatorju: ikkreditat għat-tul ta' żmien li fil-fatt dam is-servizz. F'dan il-każ speċifiku, tali esperjenza titqies irrispettivament mid-data li fiha nkisbet id-diploma li tagħti aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet u l-grad rilevanti.
- Leave tal-maternità/paternità/adozzjoni/ġenituri/familja: jekk kopert minn kuntratt ta' impjieg. Jitqies bħala xogħol 100 fil-mija irrispettivament minn jekk itteħidx fuq bażi full-time jew half-time.
- Dottorat: sa massimu ta' tliet snin, dment li d-dottorat ikun fil-fatt inkiseb.

- Xogħol part-time: ikkalkulat pro rata abbażi tan-numru ta' sigħat maħduma (eż. jumejn f'ġimgħa tax-xogħol ta' ħamest ijiem għal tul ta' 10 xhur ikunu jgħoddu bħala erba' xhur).

### 1.2.3 Għarfien lingwistiku

Il-lingwa 1 tiegħek titqies bħala l-lingwa tal-UE li taf l-aħjar (livell tal-lingwa materna) u l-lingwa 2 tiegħek titqies bħala t-tieni lingwa li taf l-aħjar. Dokument ġustifikattiv mhuwiex obbligatorju biex tagħti prova tal-għarfien lingwistiku tiegħek.

# 2. Protezzjoni tad-data personali

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' selezzjoni, jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata f'konformità stretta mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/K (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 295 tal-21 ta' Novembru 2018) b'mod partikolari fir-rigward tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħha.

# 3. Ilmenti, appelli u lmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew

### 3.1 Ilmenti amministrattivi

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-parteċipanti jistgħu jindirizzaw ilment amministrattiv lis-Segretarju Ġenerali kontra deċiżjoni tas-servizz ta' reklutaġġ jew tal-Awtorità tal-Ħatra li taffettwahom ħażin fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata. Jekk jogħġbok kun af li d-deċiżjonijiet li jieħu s-servizz ta' reklutaġġ ma jistgħux jinbidlu jew jiġu annullati minħabba l-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandu.

### 3.2 Appelli ġudizzjarji

Skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-parteċipanti għandhom id-dritt li jressqu appell ġudizzjarju fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni tas-servizz ta' reklutaġġ li taffettwahom ħażin, jew, fir-rigward tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra, min-notifika tad-deċiżjoni meħuda b'risposta għall-ilment. Tabilħaqq, l-appelli ġudizzjarji kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra jridu jsiru wara lment amministrattiv.

### 3.3 Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

Bħala ċittadini u residenti tal-UE, il-parteċipanti jistgħu jressqu lment lill-Ombudsman Ewropew. L-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman m'għandhom ebda effett sospensiv fuq l-iskadenzi stabbiliti għat-tressiq tal-ilmenti amministrattivi jew għat-tressiq tal-appelli ġudizzjarji.

Il-parteċipanti jistgħu jikkonsultaw il-fajls tal-applikazzjoni tagħhom fuq talba. Jistgħu jirreferu kwistjoni lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fi kwalunkwe mument.

# ANNEX I

**Indicative** guide to **European Union** qualifications giving access to competitions/selection procedures for the AD function group[2] (assessed on a case-by-case basis):

| COUNTRY | University course of at least four years' duration | University course of at least three years' duration |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Licence / Licentiaat / Diplôme d'études approfondies (DEA) / Diplôme d'études spécialisées (DES) / Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) / Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) / Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) / Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS)<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS)/ Aggregaat<br>Ingénieur industriel/Industrïeel ingenieur / Master — 60/120 ECTS / Master complémentaire — 60 ECTS ou plus<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS) — 30 ECTS<br>Doctorat/Doctoraal Diploma | Bachelor académique (dit «de transition») - 180 ECTS<br>Academisch gerichte Bachelor - 180 ECTS |
| **България** | Диплома за висше образование Бакалавър — 240 ECTS / Магистър — 300 ECTS / Доктор<br>Магистър след Бакалавър — 60 ECTS / Магистър след Професионален бакалавър по … — 120 ECTS | |
| **Česká republika** | Diplom o ukončení vysokoškolského studia / Magistr / Doktor | Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář) |
| **Danmark** | Kandidatgrad/Candidatus / Master/Magistergrad (Mag.Art) / Licenciatgrad / Ph.d.-grad | Bachelorgrad (B.A or B. Sc) / Professionsbachelorgrad / Diplomingeniør |
| **Deutschland** | Master (alle Hochschulen) / Diplom (Univ.) / Magister / Staatsexamen / Doktorgrad | Bachelor / Fachhochschulabschluss (FH)<br>Staatsexamen (Regelstudienzeit 3 Jahre) |
| **Eesti** | Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) / Magistrikraad / Arstikraad / Hambaarstikraad / Loomaarstikraad / Filosoofiadoktor / Doktorikraad (120–160 ainepunkti) | Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) / Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti) |
| **Éire/Ireland** | Céim Onórach Bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS) *Honours Bachelor Degree (4 years/* 240 ECTS) / Céim Ollscoile *University Degree /*<br>Céim Mháistir (60-120 ECTS) *Master's Degree (60-120 ECTS) / Céim Dochtúra Doctorate* | Céim Onórach Bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) *Honours Bachelor's degree* (3 *years*/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) |

[2] Access to grades 7 to 16 of function group AD is subject to the further condition of having acquired at least one year's relevant professional experience.

| COUNTRY | University course of at least four years' duration | University course of at least three years' duration |
|---|---|---|
| **Ελλάδα** | Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) 4 χρόνια (1ος κύκλος)<br>Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος)<br>Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος) | |
| **España** | Licenciado / Ingeniero / Arquitecto / Graduado / Máster Universitario / Doctor | Diplomado / Ingeniero técnico<br>Arquitecto técnico/Maestro |
| **France** | Maîtrise / MST (maîtrise des sciences et techniques) / MSG (maîtrise des sciences de gestion)<br>DEST (diplôme d'études supérieures techniques) / DRT (diplôme de recherche technologique)<br>DESS (diplôme d'études supérieures spécialisées) / DEA (diplôme d'études approfondies)<br>Master 1 / Master 2 professionnel / Master 2 recherche<br>Diplôme des grandes écoles / Diplôme d'ingénieur / Doctorat | Licence |
| **Italia** | Diploma di Laurea (DL) — da 4 a 6 anni / Laurea specialistica (LS) / Laurea magistrale (LM) / Master universitario di primo livello / Master universitario di secondo livello / Diploma di Specializzazione (DS) / Dottorato di ricerca (DR) | Diploma universitario (3 anni) / Diploma di Scuola diretta a fini speciali (3 anni) / Laurea — L180 crediti |
| **Κύπρος** | Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor<br>Master / Doctorat | |
| **Latvija** | Bakalaura diploms (160 kredīti) / Profesionālā bakalaura diploms / Maģistra diploms / Profesionālā maģistra diploms / Doktora grāds | Bakalaura diploms (min. 120 kredīti) |
| **Lietuva** | Aukštojo mokslo diplomas / Bakalauro diplomas / Magistro diplomas / Daktaro diplomas / Meno licenciato diplomas | Profesinio bakalauro diplomas Aukštojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Master / Diplôme d'ingénieur industriel / DESS en droit européen | Bachelor / Diplôme d'ingénieur technicien |
| **Magyarország** | Egyetemi oklevél / Alapfokozat – 240 kredit / Mesterfokozat / Doktori fokozat | Főiskolai oklevél / Alapfokozat – 180 kredit vagy annál több |
| **Malta** | Bachelor's degree / Master of Arts / Doctorate | Bachelor's degree |
| **Nederland** | HBO Bachelor degree<br>HBO/WO Master's degree<br>Doctoraal examen /Doctoraat | Bachelor (WO) |
| **Österreich** | Master Magister/Magistra<br>Magister/Magistra (FH)<br>Diplom-Ingenieur/in<br>Diplom-Ingenieur/in (FH)<br>Doktor/in<br>PhD | Bachelor<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea (FH) |

| COUNTRY | University course of at least four years' duration | University course of at least three years' duration |
|---|---|---|
| **Polska** | Magister / Magister inżynier<br>Dyplom doktora | Licencjat / Inżynier |
| **Portugal** | Licenciado / Mestre / Doutor | Bacharel / Licenciado |
| **Republika Hrvatska** | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica)<br>Stručni Specijalist<br>Master degree (magistar struke) 300 kredit min<br>magistar inženjer/ magistrica inženjerka (mag. ing).<br>Doktor struke / Doktor umjetnosti | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica) |
| **România** | Diplomă de Licenţă / Diplomă de inginer / Diplomă de urbanist / Diplomă de Master / Diplomă de Studii Aprofundate / Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) / Diplomă de doctor | Diplomă de Licenţă |
| **Slovenija** | Univerzitetna diploma/ Magisterij / Specializacija / Doktorat | Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi |
| **Slovensko** | diplom o ukončení vysokoškolského štúdia / bakalár (Bc.) / magister magister/inžinier / ArtD | diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár) |
| **Suomi/Finland** | Maisterin tutkinto — Magister-examen<br>Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor)<br>Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen / Lisensiaatti/Licentiat | Kandidaatin tutkinto - Kandidatexamen / Ammattikorkeakoulututkinto -<br>Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor) |
| **Sverige** | Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) / Licentiatexamen / Doktorsexamen<br>Meriter på avancerad nivå: Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng / Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng<br>Meriter på forskarnivå: Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng / Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng | Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng)<br>Meriter på grundnivå:<br>Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor) |
| **United Kingdom** | Honours Bachelor's degree / Master's degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) / Doctorate<br>**NOTE:**<br>UK diplomas awarded until 31 December 2020 are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State. | (Honours) Bachelor's degree<br>NB: Master's degree in Scotland |

# ANNEX II

**<u>Indicative</u>** guide to **European Union** qualifications giving access to competitions/selection procedures for the AST function group[3] (assessed on a case-by-case basis):

| COUNTRY | Secondary education (giving access to post-secondary education) | Post-secondary education (non-university higher education course or short university course lasting at least two years) |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS) / Diploma secundair onderwijs / Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES) / Getuigschrift van hoger secundair onderwijs / Diplôme d'enseignement professionnel / Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs | Candidature - Kandidaat<br>Graduat - Gegradueerde<br>Bachelier (dit «professionnalisant» ou de «type court»)/ Professioneel gerichte Bachelor — 180 ECTS |
| **България** | Диплома за средно образование / Свидетелство за зрелост / Диплома / Диплома за завършено средно образование / Диплома за средно специално образование | Специалист по … |
| **Česká republika** | Vysvědčení o maturitní zkoušce | Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.) |
| **Danmark** | Bevis for: Studentereksamen<br>Højere Forberedelseseksamen (HF) / Højere Handelseksamen (HHX) / Højere Afgangseksamen (HA) / Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX) | Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhversakademiuddannelse AK) |
| **Deutschland** | Allgemeine Hochschulreife / Abitur / Fachgebundene Hochschulreife / Fachhochschulreife / Hochschulzugang für beruflich Qualifizierte | |
| **Eesti** | Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus<br>Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta | Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta |
| **Éire/Ireland** | Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar / *Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects* / Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT) / *Leaving Certificate Vocational Programme* (LCVP) | Teastas Náisiúnta / *National Certificate* /<br>Céim Bhaitsiléara / *Ordinary Bachelor's Degree* Dioplóma Náisiúnta (ND, Dip.) / *National Diploma* (ND, Dip.) / Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS) / *Higher Certificate* (120 ECTS) |

3 Access to function group AST is subject to the further condition of having acquired at least three years' relevant professional experience.

| COUNTRY | Secondary education (giving access to post-secondary education) | Post-secondary education (non-university higher education course or short university course lasting at least two years) |
| --- | --- | --- |
| **Ελλάδα** | α) Απολυτήριο Γενικού Λυκείου<br>β) Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου<br>γ) Απολυτήριο Τεχνικού — Επαγγελματικού Λυκείου<br>δ) Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου<br>Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου / Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου / Απολυτήριο Γενικού Λυκείου / Απολυτήριο Επαγγελματικού Λυκείου | Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (IEK) |
| **España** | Bachillerato Unificado y Polivalente (BUP) + Curso de Orientación Universitaria (COU) / Bachillerato | Técnico superior / Técnico especialista |
| **France** | Baccalauréat / Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) / Brevet de technicien | Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) / Brevet de technicien supérieur (BTS) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) / Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST) |
| **Italia** | Diploma di scuola secondaria superiore (diploma di maturità o esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore) | Certificato di specializzazione tecnica superiore/attestato di competenza (4 semestri) Diploma di istruzione e formazione tecnica superiore (IFTS) / Diploma di istruzione tecnica superiore (ITS) Diploma universitario (2 anni)<br>Diploma di Scuola diretta a fini speciali (2 anni) |
| **Κύπρος** | Απολυτήριο | Δίπλωμα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) / Higher Diploma |
| **Latvija** | Atestāts par vispārējo vidējo izglītību<br>Diploms par profesionālo vidējo izglītību | Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību |
| **Lietuva** | Brandos atestatas | Aukštojo mokslo diplomas<br>Aukštesniojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Diplôme de fin d'études secondaires et techniques | Brevet de technicien supérieur (BTS) / Brevet de maîtrise / Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) |
| **Magyarország** | Gimnáziumi érettségi bizonyítvány / Szakközép-iskolai érettségiképesítő bizonyítvány / Érettségi bizonyítvány | Bizonyítvány felsőfokú szakképesítésről |

| COUNTRY | Secondary education<br>(giving access to post-secondary education) | Post-secondary education<br>(non-university higher education course or short university course lasting at least two years) |
|---|---|---|
| **Malta** | Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) / Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including systems of knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 /<br>2 A Levels (passes A-E) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent | MCAST diplomas/certificates<br>Higher National Diploma |
| **Nederland** | Diploma VWO / Diploma staatsexamen (2 diploma's) / Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) / Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO) | Kandidaatsexamen<br>Associate degree (AD) |
| **Österreich** | Matura/Reifeprüfung<br>Reife-und Diplomprüfung<br>Berufsreifeprüfung | Kollegdiplom<br>Akademiediplom |
| **Polska** | Świadectwo dojrzałości<br>Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego | Dyplom ukończenia kolegium nauczycielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej |
| **Portugal** | Diploma de Ensino Secundário/ Certificado de Habilitações do Ensino Secundário | |
| **Republika Hrvatska** | Svjedodžba o državnoj maturi<br>Svjedodžba o zavrsnom ispitu | Associate degree<br>Graduate specialist<br>Stručni Pristupnik / Pristupnica |
| **România** | Diplomă de bacalaureat | Diplomă de absolvire (Colegiu universitar) învățamânt preuniversitar |
| **Slovenija** | Maturitetno spričevalo (Spričevalo o poklicni maturi) (Spričevalo o zaključnem izpitu) | Diploma višje strokovne šole |
| **Slovensko** | vysvedčenie o maturitnej skúške | absolventský diplom |
| **Suomi/Finland** | Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus – Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet)<br>Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier) | Ammatillinen opistoasteen tutkinto — Yrkesexamen på institutnivå |
| **Sverige** | Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning) | Högskoleexamen (80 poäng)<br>Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1– 3 år |

| COUNTRY | Secondary education<br>(giving access to post-secondary education) | Post-secondary education<br>(non-university higher education course or short university course lasting at least two years) |
|---|---|---|
| **United Kingdom** | General Certificate of Education Advanced level — 2 passes or equivalent (grades A to E)<br>BTEC National Diploma<br>General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level<br>Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level)<br>**NOTE:**<br>UK diplomas awarded until 31 December 2020 are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State. | Higher National Diploma/ Certificate (BTEC)/SCOTVEC<br>Diploma of Higher Education (DipHE)<br>National Vocational Qualifications (NVQ) and Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4 |